## Habemus Papam: Papa Missjunarju

Il-Kardinal Robert Francis Prevost OSA, li kien il-Prefett tad-Dikasteru tal-Isqfijiet u Arċisqof-Isqof emeritu ta' Chiclayo, twieled fl-14 ta' Settembru 1955 f'Chigago (Illinois, l-Istati Uniti tal-Amerika). Fl-1977 hu daħal fin-novizzjat fl-Ordni ta' Santu Wistin (OSA) fil-Provinċja ta' Sidtna Marija tal-Bon Kunsill, f'Saint Louis. Fid-29 ta' Awwissu 1981 għamel il-voti solenni tiegħu. Hu studja fl-Unjoni Kattolika Teoloġika ta' Chicago, fejn irċieva diploma fit-teoloġija.



Fl-età ta' 27 sena ġie mibgħut mill-Ordni f'Ruma jistudja l-liġi kanonika fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Aquino (Angelicum). Irċieva l-ordinazzjoni presbiterali fid-19 ta' Ġunju 1982. Fl-1985 ġie mibgħut fil-missjoni ta' Chulucanas, f'Piura, il-Perù. Dan ir-raħal huwa semi-deżert u fih kienu jgħixu komunitajiet indiġeni foqra. F'dak iż-żmien, ir-raħal kien għaddej minn kriżi kbira minħabba l-għargħar li kien ikkaġunat mix-xita El Niño, li ħalliet eluf ta' nies bla dar. Huwa kien pront biex imidd idu sabiex jgħin lil dawn il-vittmi. Barra minn hekk, huwa kien jorganizza proġetti ta' ġbir ta' fondi biex jgħin fil-bini ta' seminarju ġdid.

Fl-1988 ġie mibgħut fil-missjoni ta' Trujillo bħala direttur tal-proġett konġunt ta' formazzjoni għall-aspiranti Agostinjani fil-Vigarjati ta' Chulucanas, Iquitos u Apurímac. Huwa serva bħala prijur tal-komunità (1988-1992), direttur tal-formazzjoni (1988-1998) u mastru tal-professi (1992-1998). Fl-Arċidjoċesi ta' Trujillo, Fr Prevost kien vigarju ġudizzjali (1989-1998), u professur tal-liġi kanonika, patristika u morali fis-Seminarju Maġġuri San Carlos e San Marcelo.

In-nies ta' Trujillo kienu jgħixu ħajja beżgħana minħabba li spiss kien ikun hemm xi attakk mill-gwerilli ta' El Sandero Luminoso. Dawn kienu jitterorizzaw bliet kbar u jikkontollaw territorji kbar fil-kampanja Peruvjana. Barra minn hekk, kien hemm grupp ieħor imsejjaħ "Sendero Luminoso", li għalkemm ma kienx daqstant attiv, imma xorta l-abitanti kienu jgħixu b'ċerta biża'. Fil-fatt dan il-grupp kien attakka il-knisja parrokjali ta' Chulucanas, kif ukoll l-uffiċċju tas-sindku.

Fl-istess żmien, is-suldati Peruvjani ġieli okkupaw il-proprjetà tal-knisja u serqu oġġetti tal-ikel li kien intenzjonat biex jingħata lin-nies foqra tal-parroċċa. Lill-bdiewa kienu jisirqulhom l-annimali. L-abitanti ma kienux jafdaw lil xulxin għax ma kienux ikunu jafu jekk persuna hiex spjuna tal-gvern jew tal-grupp "Sendero Luminoso".





**Laqgħat tal-*Praesidium* f'Ħad-Dingli**

**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa
**Ħin**: 4:45 pm
**Post**: Fiċ-Ċentru Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

# Marija Mtellgħa s-Sema Ħad-Dingli

**Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi**

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 11 2025**



## *AVE MARIS STELLA – Sliem għalik Kewba tal-Baħar*

Għeżież,

Marija ta' Nażaret dejjem rabtet isimha mat-tama. Tant hu hekk li innu marjan, li sa mis-sekli VIII u IX ta' spiss beda jintuża mill-Knisja, l-aktar fit-Talba ta' filgħaxija (fl-Għasar) f'ġieħ il-Verġni Marija, Omm Alla, isellmilha bil-kliem:

***Ave Maris Stella***

Dan it-titlu ta' *'Maris Stella'* jidher għall-ewwel darba fi traduzzjoni Latina miktuba minn San Ġlormu. U l-oriġini tiegħu jingħad li jinsabu fl-1 Slaten, 18, 41-45 meta nsibu rrakkuntata l-ġrajja ta' Elija li jħabbar it-tmiem tal-karistija lil Aħab permezz tax-xita li kienet ser tagħmel. Oriġinarjament l-isem Marija bil-Lhudi huwa *'Miryam'*, li jfisser *"qatra tal-baħar"*, u dan ġie tradott minn San Ġlormu bħala *"Stilla Maris"*. Iżda fi stadju aktar tard, żball ta' traskrizzjoni minn xi ħadd li kien qed jikkopja bidel dan it-titlu fi ***"Stella Maris"*** u dan l-"iżball" beda jkun użat b'mod komuni u saħansitra promoss minn diversi dutturi tal-knisja, bħal San Isidoru ta' Sevilja. *"Stella Maris"* huwa fil-fatt wieħed mill-ismijiet tal-Kewkba tat-Tramuntana *(Ursæ Minoris)*, tant utli għall-baħħara bħala punt ta' referenza sa' minn żminijiet antiki. U l-identifikazzjoni ta' Sidtna Marija ma' din il-Kewkba wasslet għad-devozzjoni lejn il-Madonna b'enfasi fuq l-irwol tagħha bħala omm u ħarriesa ta' dawk li jivvjaġġaw jew jaħdmu fuq il-baħar u bħala sinjal ta' tama f'ħafna komunitajiet Kattoliċi li jinsabu max-xatt: bosta knejjes, skejjel u kulleġġi huma ddedikati lil Marija taħt dan it-titlu. Jispikka fost dawn insibu l-Monasteru antik li jinsab fuq is-sit tal-għar tal-profezija ta' Elija, fuq il-Muntanja Karmel f'Ħajfa, li wkoll iġib l-isem ta' *Stella Maris*, filwaqt li diversi ikoni tal-Verġni, anke taħt it-titlu tal-Karmnu, juru stilla fuq il-mantell li jgħatti l-ispalla l-leminija tal-Madonna, bħala simbolu tal-verġinità tagħha.

*(ikompli f'paġna 2)*

Skont San Alwiġi M. Grignon de Montfort, awtur ta' *'Totus Tuus'*, li aktar tard sar il-motto tal-Papa San Ġwanni Pawlu II, *"Alla l-Missier ġabar l-ilmijiet kollha u sejjaħhom baħar, ġabar il-grazzji kollha u sejjaħhom Marija"* (Devozzjoni Vera, 23).

Il-Verġni Marija hija meqjusa bħala l-gwida tad-dixxiplu fit-triq lejn is-sema pajjiżu; hija l-kewkba li taf kif torjenta fin-navigazzjoni tal-ħajja u lejn il-port finali tal-glorja. Il-Kristjaneżmu għandu ċ-ċertezza tal-fidi li d-"dgħajsa tal-Knisja" għandha lil Marija bħala *"Kewkba tal-baħar"*, kewkba ta' tama li tista' ddawwal id-dgħajsa kbira tal-familja sħiħa tal-bnedmin. Il-missjoni tal-Knisja hi li turi din il-Kewkba li Ġesù xegħel fis-Sema bħala *"sinjal ta' konsolazzjoni u tama ċerta"* (Lumen Gentium, 68). Marija hija Omm tat-Tama, u għalhekk, hija eżempju għal kulħadd *"bħala l-mara doċli għal-leħen tal-Ispirtu, mara tas-skiet u tas-smigħ, mara tat-tama, li għarfet tilqa', bħal Abraham, ir-rieda ta' Alla u* 'tittama kontra kull tama' *(Rumani 4:18)*" (San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Tertio millennio adveniente*, 48).

U Papa Benedittu XVI fl-enċiklika *'Spe salvi'* ikompli japprofondixxi din it-tema billi jiktbilna hekk: *"Il-ħajja hija bħal vjaġġ fuq il-baħar tal-istorja, spiss mudlam u maltemp, vjaġġ li fih neżaminaw il-kwiekeb li juruna r-rotta. Il-kwiekeb veri ta' ħajjitna huma n-nies li għexu bis-sewwa. Huma dwal tat-tama. Ma għandniex xi ngħidu, Ġesù Kristu huwa d-dawl veru, huwa x-xemx li telgħet fuq id-dlamijiet kollha tal-istorja. Iżda biex nilħqu sa ħdejh neħtieġu wkoll dwal qrib tagħna – nies li jagħtu d-dawl li jeħduh mid-dawl tiegħu u juruna b'hekk mnejn għandna ngħaddu biex naqsmu. U liema persuna tista' aktar minn Marija tkun għalina kewkba ta' tama – hi li bil-kunsens tagħha fetħet lil Alla nnifsu l-bieb tad-dinja tagħna, …?"*. (Benedittu XVI, Enċiklika *Spe salvi*, 49).

Kan. David Farrugia
Arċipriet





## MARIJA OMMNA

*Kitba ta' Doris Borg*

*O! qalb ta' Marija għamel lil qalbi tkun tixbah lil tiegħek.*

Ġakulatorja sabieħa imma jekk taħseb sew fuqha tant hi profonda. Biex insir nixbaħ lil qalb ta' Marija, jeħtieġli li l-ewwel nsir naf lil din Marija Omm Ġesù, insir inħobbha, jeħtieġli wkoll li niltaqgħa magħha, nitkellem magħha, naturalment mhux b'dak li ħadna moda ngħidu '*quality time*' imma iktar minn hekk billi nasal biex nitwaħħad magħha.

Kif se nsir naf lil din Marija? Aħna xi ftit jew wisq għandna stampa f'moħħna ta' Marija min hi. Marija hija dik li lil Mulej qaltlu li lesta tkun il-qaddejja tiegħu, dik li welldet lil Ġesù, dik li sqietu, rabbietu, interċedit għal għarajjes ta' Kana, kienet tisimgħu jippriedka, u imxiet miegħu tul it-triq tal-Kalvarju u baqgħet miegħu sa' l-aħħar; fejn imbagħad Ġesù imbiċċer u mtertaq ħallihilna bħala ommna.

Dan kollu veru u tajjeb iżda biex naslu biex ikollna qalbna tixbaħ lil tagħha, irridu naħdmu iktar fil-fond. Irridu nidħlu fil-ġewwieni ta' Marija. Ħafna drabi dak li nafu fuq Marija huwa sempliċiment il-qoxra ta' barra. Kif nista' nkun nafha iktar, inħobba iktar u nitwaħħad magħha?

Dan kollu jista' jsir billi t-talb tiegħi ma jkunx bix-xufftejn biss. Ir-Ruzarju kif qed ngħidu: qed nimmedita fuq il-misteri? Nipprova naqra jew nisma' xi programm li jitkellmu fuqha? Niftakar li qabel ma' ġiet imtellgħa s-Sema, Marija kienet tgħix bħalna fuq din l-art. Hija għixet ħajja komuni minkejja li kienet Omm Alla. Hija għixet ħajjitha b'fidi sħiħa f'Alla minkejja d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom. Hija għixet ħajjitha b'imħabba straordinarja. Il-fidi tiegħi fil-Mulej kif inhi? Nagħżel kif jaqbilli mill-Fidi u dak li tgħallem il-Knisja? Nintrabat xejn mar-rieda ta' Alla bħal ma' kienet Marija? Jew nispiċċa ngħid li Alla nsieni jekk ma naqlax dak li għalih qed nitlob.

San Alwigi de Montfort jistaqsi: "Għaliex għandna nixbħu lil Marija?" Imbagħad huwa stess jagħti tweġiba. "Għaliex Marija hi Omm Ġesù u għalhekk hija tixbħu ħafna. "Mela iktar ma nsiru nixbħu lil din il-qalb ta' Marija, iktar insiru nixbħu lil Binha.

## Is-Sagrament tal-Qrar (ii)



Il-qrar hu bbażat fuq il-fidi fl-imħabba ta' Alla u fuq il-fiduċja fil-ħniena Tiegħu. Fil-qrar nirċievu l-maħfra infinita tal-Missier. Idaħħalna f'unjoni ma' ħutna, u tiftħilna t-triq għal fejqan fir-ruħ u fil-ġisem.

Il-qrar mhux sempliċiment mod kif nagħmlu lista tad-dnubiet tagħna, imma li niftħu qalbna għall-imħabba. Alla jieħu pjaċir jaħfrilna. Ejjew ninsew l-immaġini li Alla hu għajjur u li jikkastiga, u ejjew niftħu qalbna għall-immaġini ta' Alla li bata għad-dnubiet tagħna, Alla mimli mħabba nfinita u ħniena, li jieħu gost meta jagħtina l-maħfra. Ma hemmx dnub li Alla ma jaħfirx fil-ħniena tiegħu! Kull sforz li nagħmlu biex ninħelsu mid-dnub iwassalna eqreb lejn il-Missier kollu mħabba.

Ejjew naraw kemm hu sabiħ il-pjan ta' Alia għalina, u b'hekk naraw fejn ma weġibniex għas-sejħa ta' Alla, u fejn aħna umiljajna lilna nfusna:

**Ir-relazzjoni tagħna ma' Alla**
Sitwazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fidi tagħna (dgħajfa fil-fidi tagħna, dubbji u tradimenti), talb, sawm. Alla jħobbna...aħna nħobbuh?

**Ir-relazzjoni tagħna ma' għajrna**
Egoiżmu, indifferenza, nuqqas ta' mħabba, nuqqas ta' interess, krudeltà, għira, mibgħeda, malafama. Jeħtieġ li nħossu sewwa li aħna tassew weġġgħajna lil għajrna u offendejna l-imħabba.

**Ir-relazzjoni tagħna lejna nfusna**
Nuqqas ta' xewqa biex inkabbru l-ħajja spiritwall tagħna, pjaċiri baxxi, xorb, dnubiet kontra l-ġisem li jmorru kontra l-ideal nisrani tas-safà, rispett għal ġisem bħala t-tempju ta' Ispirtu s-Santu, nuqqas ta' responsabbiltà fid-dmirijiet tagħna lejn is-soċjetà u lejn il-familja.




**Verġni Mbierka, Avukata tagħna u refuġju tal-midimbin, Omm tal-Ħniena ħares lejja, midneb. Min ifittex ir-refuġju għandek ġie milqugħ bil-ħniena. Aqlagħli l-grazzja biex ma nidnibx iżjed.**



## Il-Magħżulin t'Alla

Lill-magħżulin Alla jagħtihom dan li għandhom bżonn. Meta Alla jkun irid lil xi ħadd għal xi missjoni partikolari jagħtih dak li meħtieġ. Fil-Bibbja nsibu bosta eżempji ta' dan. Nistgħu insemmu xi wħud minnhom meħudin mill-antik Testment. Mose' qabel ma għażlu biex joħroġ lil Israel mill-Eġittu lejn l-Art Imwiegħda, tah l-okkażjoni li jkun salvat mill-ilma biex isir bin il-Fargħun u b'hekk ħa edukazzjoni u taħriġ fil-politika u t-tmexxija. Din l-esperjenza swietlu biex ikun jista' jmexxi l-poplu Lhudi għal erbgħin sena sħaħ fid-deżert.

Eżempju ieħor meta l-belt ta' Betulja kienet lesta biex iċċedi Alla bagħat lil Ġuditta, armla, mara sabiħa u kuraġġuża ħafna biex flimkien mal-qaddejja jmorru fil-kamp tal-Assiri. Iltaqgħu magħha l-għassiesa li ħaduha għand il-ġeneral Oliferne. Dan issaħħar bi ġmielha u wara festa u xarba nbid sewwa raqad u waqt kien rieqed qatgħetlu rasu, tefgħetha ġo xkora u ħarġet mill-kamp. Mela Alla nqeda bi ġmielha biex jikkastiga lill-Assiri.

Każ ieħor kien l-imħallef Eħud. Il-Lhud wara li abbandunaw lil Alla, ħallihom jaqgħu ilsiera tal-Mowabiti taħt is-sultan Gheglon. Damu tmintax-il sena taħthom. Wara li nidmu u talbu lil Alla jeħlishom, Alla għażel lil wieħed jismu Eħud li kien xellugi. In-nies bagħtu lilu biex iħallas it-tribut. Eħud qabel ma' mar għamel sejf twil it-tul ta' drigħ u ħbieh fi ħżiemu in-naħa tal-lemin. Meta wasal, l-għassiesa saqsewh xi jrid u fittxewlu n-naħa tax-xellug u ma sabu xejn. Ħaduh quddiem is-sultan u kif wasal qallu, "Sultan għandi kelma sigrieta x'ngħidlek". Dak daħħlu fl-għorfa ta' fuq u sakkar. Kif kienu waħedhom, Eħud ħareġ is-sejf u daħħalulu ħo żaqqu bil-manku b'kollox. Billi kien oħxon ħafna, ix-xaħam u l-ġewwieni ħarġu barra u miet. Eħud ħareġ, sakkar il-bieb u telaq. L-għassiesa damu jistennew ħafna biex jiftaħ il-bieb u ħasbu li kien qiegħed jagħmel xogħlu. Imbagħad fetħu l-bieb u sabuh mejjet. Il-Lhud qamu kontra l-Mowabiti u b'hekk ħelishom mill-għedewwa.

Mela Alla jagħti d-doni neċessarji lil kull min ikun magħżul biex jaqdi missjoni partikolari. Lilna Alla wkoll jagħtina dak kollu li neħtieġu biex ngħixu ta' nies u biex insalvaw.

**President**

**Albert Sammut**

## Meta nħossni mitluf...

*Kitba ta' Joseph Muscat*



Missier, kemm drabi ħassejtni tiela' t-telgħa taħt ix-xemx qalila, u l-ħofor ibenġluli riġlejja. Kemm drabi xtaqt li qatt ma ħlomt li nerfa' salibi u nġorru tul it-telgħa iebsa. Kemm drabi xtqat inħares lura u nerġa ndur u ninżel u ninsa li warajja nkun ħallejt salibi! Kemm drabi qtajt qalbi meta 'l quddiem inħares u xejn ma jidher ħlief xewk u għollieq.

Kemm drabi l-uman tiegħi waqa' taħt it-toqol tas-salib. Iżda Missier, kull darba li qtajt qalbi, kull draba li ħarsit lura, kull darba li waqajt, kull draba kont hemm Int Mulej. U ħassejt bħal velu t'imħabba jiġborni, iddewwli kull ġerħa, jgħinni nerfa' salibi u nkompli miexi t-triq imħarbta.

U kull darba li kollox jidher mitluf, kull darba li nħossni waħdi miexi t-triq tas-salib, kull darba li nħosssni mifni u mitluq, nagħlaq għajnejja u f'qalbi tissawwar talba. Missier, kun Int is-saħħa tiegħi, kun Inti l-kollox tiegħi, kun Inti l-bidu u t-tmiem tiegħi. Għax jekk mingħajrek….kollox jispiċċa fix-xejn bħad-duħħan.

Meta nixmi fit-triq, meta nistrieħ taħt il-ħajt tas-sejjiegħ, meta ħbiebi ma' jgħarfuniex, meta l-hemm u l-uġiegħ tal-ħajja jgħafsu fuqi, meta nfittex għalxejn qalb li taf tħobb, meta nħares 'l fuq lejn l-għolja u nara l-ġebel ippuntat; qalbi tingħafas u d-dmugħ iġelben. Imma dlonk niftakar li kull darba li qalbi tingħafas ikun hemm Int, għax Int Missier li taf tħobb. U dlonk nerġa' naqbad it-triq u nimxi fis-skiet.

**Ħabib, ieqaf ftit u isma' leħen Alla fil-qalb tiegħek**



## IR-RITI TAL-BIDU



Dawn ir-riti jinkludu t-tislima tas-Saċerdot, l-Att Penitenzjali, il-Mulej Ħniena, il-Glorja – f'dawk il-ġranet li fihom tingħad – u l-Kolletta. L-assemblea, bilwieqfa twieġeb għat-tislima tas-Saċerdot, tieħu sehem fl-Att Penitenzjali u fil-kant jew fir-reċita tal-Kyrie u tal-Glorja u twieġeb "AMMEN" fi tmiem il-Kolletta. Imbagħad toqgħod bilqiegħda għall-ewwel qari.

Il-ħsieb ta' dawn ir-riti hu li l-insara miġmugħin flimkien, jingħaqdu bejniethom fit-talb u jħejju ruħhom tajjeb biex jisimgħu l-Kelma t'Alla u biex jiċċelebraw kif jixraq l-Ewkaristija.[1] Din it-taqsima tal-quddiesa hija maħsuba biex tkun bħala bidu, dħul jew tħejjija kemm tal-Liturġija tal-Kelma kif ukoll tal-Liturġija Ewkaristika.

Dawn ir-riti tal-bidu għandhom igħinuna biex nifhmu li mhux biss il-qassis u l-ġemgħa li jkollu madwaru li qegħdin joffru l-att ta' qima lil Alla, iżda hija l-Knisja kollha. Flimkien ma' Kristu, ir-Ras tagħha, il-Knisja fuq l-art tingħaqad mal-Knisja tal-Ġenna biex tfaħħar, trodd ħajr u ssebbaħ lil Alla l-Missier. "Is-smewwiet ixandru l-glorja t'Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema." (Salm 19, (18). L-insara fil-Quddiesa jinterpretaw dan l-innu ta' tifħir li l-univers jinseġ lill-Ħallieq tiegħu u f'isem il-ħlejjaq kollha jaduraw il-Mulej.

Is-sehem tal-insara fiċ-ċelebrazzjoni Liturġika u l-fatt li joqogħdu bilwieqfa, juru l-Quddiesa sa mill-bidu tagħha hija:

- L-assemblea jew ġemgħa ta' bnedmin ikkonsagrati bil-Magħmudija, (Ecclesia) li jinġabru flimkien biex jagħtu l-qima tagħhom 'l Alla u joffrulu s-sagrifiċċju perfett.
- Skola tad-dixxipli ta' Kristu.
- Laqgħa tal-familja t'Alla li tinġabar madwar il-mejda mħejjija mill-Missier.
- Waqfa żgħira fil-mixja twila li mill-art twassal lejn is-sema.

[1] *Ordinamento Generale del Missile Romano_24*

## Esperjenzi fis-settur tas-saħħa - serje ta' artikli (10)



*Kitba ta' Ernest Taliana - Ex. Nursing Manager*

Bejn is-sistemi u x-xogħol fiż-żmien li kont naħdem jien għal-ġurnata tal-lum hemm differenza kbira, anke fit-tagħlim tal-korsijiet għan-*nurses*. Illum it-teknoloġija kibret u l-apparat sofistikat żdied bil-kbir. L-operazjonijiet saru iktar moderni li jinkludu inqas *trauma* u feriti lill-pazjenti, fejn qabel kien ikollok xi ferita ta' l-operazzjoni ta' 12-il ċentimetru, llum jagħmlu qasma ta' xi 2 ċentimetri biss (*keyhole surgery*). Fil-mediċina wkoll, it-trattament inbidel b'mediċini ġodda u iktar effettivi. Iż-żmien ibiddel.

Fejn kien jidħol x-xogħol tagħna konna nippreparaw minn qabel dawk li konna ngħidulhom "*Trays u Trolleys*" differenti għal xi biċċa xogħol li kont tagħmel lill-pazjent. Dawn kienu iservu biex inti kien ikollok kollox miegħek waqt li qed taħdem u mhux tmur għal xi ħaga għax insejtha. Illum ħadd ma jużahom għax illum jiġu ippakjati lesti. Fi żmieni, s-siringi u l-labar kienu jerġgħu jintużaw. Konna kull darba ngħalluhom wara li naħslu s-siringi u naraw li l-labar ma jkunux imblukkati jew spuntati. Illum kollox tuża u tarmi. Min jaf kemm ħraqna siringi għax ninsewhom fuq in-nar u jinxef il-misħun.

Konna tgħallimna xi 5 kwalitajiet ta' friex skont il-marda eż. għal-min kien marid bil kliewi, jew b'xi ħruq, ksur, amputati, u firxa komuni. Illum firxa waħda għad-dritt.

Wara l-ikla ta' fil-għaxija, fis-sala, wara li kienu jinġabru l-platti, konna nduru dawra l-pazjenti speċjalment dawk bi bżonnijiet dipendenti. Imbagħad konna noqgħodu nitkellmu u ngħidu xi ċajta magħhom. Kien ikun hemm swali fejn xi impjegat kien joqgħod fejn is-sala l-kbira u jirreċita r-rużarju lill-morda. Dak iż-żmien ma kienx ikollna morda barranin, forsi xi wieħed jew tnejn. Illum nofs s-swali bil-barranin ta' kulturi u twemmin differenti. Trid tirrispetta lill-kulħadd illum.

Fi żmieni, barra l-kors għal *nurse*, kien ikollna ftit opportunitajiet għal studji iktar għolja u speċjalizżati. Tajjeb li tibqa tistudja għax fis-settur tas-saħħa trid tibqa aġġornat il-ħin kollu. Imma din ġabet nuqqas fejn in-*nurse* ma baqalux ħin jitkellem mal-pazjenti għax moħħu fit-teżi u ħaġa oħra. Għalhekk illum naqas ħafna il "*Bedside nursing*" li konna nagħmlu aħna.

Is-swali ta' SLH dejjem kienu jkunu mimlijin daqs bajda, bħal ma' hu MDH illum. Ġieli kellna 70 pazjent flok tas-soltu 45, speċjalment fix-xitwa minħabba influenzi u mard ieħor relatat mal-pulmun. *Staff* dejjem l-istess, rari kien jiżdied. Ix-xogħol biss kien jiżdied.



## Ljuni li qagħdu fuq it-Tron ta' Pietru



*Kitba ta' Rev. Fr. Vincent Magro MSSP*

**San Ljun I** (440-461). Wieħed mill-akbar Papiet mhux biss tas-seklu V imma wkoll ta' l-istorja tal-Papiet kollha. Dam jaħkem 21 sena. Fiż-żmen l-Ewropa kienet imwerwra bl-invanzjoni tal-Unni taħt il-kmand ta' Attila. Il-Papa Leo waqaflu u ma ħallieħx jidħol Ruma biex jeqridha. Kien strumentali fil-Konċilju ta' Chalcedon.
**San Ljun II** (682-683). Minn Sqallija. Kien approva d-Dikrieti tal-konċilju li ħadha qatta' bla ħabel kontra l-ereżija tal-Monotelitiżmu. Dejjem kellu relazzjoni tajba mal-Imperatur Kostantinu IV.
**San Ljun III** (795-816). Kellu ħafna inkwiet minn ċertu Adrijanu li ried jilħaq floku bħala Papa. Ġie attakkat mis-segwaċi tiegħu anke fiżikament. Inkuruna lil Karlu Manju bħala Imperatur tal-Imperu Ruman.
**San Ljun IV** (847-855). Organizza l-flotot ta' Napli-Amalfi-Gaeta fejn ta' xebgħa kbira lis-Seraċini li ma setgħux iqumu minnha minn dak in-nhar 'l hawn.
**Ljun V** (Lulju-Settembru 903). Billi dam ftit żmien bħala Papa ftit li xejn nafu fuqu.
**Ljun VI** (Mejju-Diċembru 928). Dan ukoll dam ftit żmien bħala Papa.
**Ljun VII** (Jannar 936-Lulju 939). Imsemmi ħafna għar-riforma tal-monasteri u l-kleru - l Monastiċiżmu .
**Ljun VIII** (963-965). Kellu ħafna inkwiet ma' Ġwanni XII.
**Ljun IX** (1049-1054). Ġermaniż. Fis-sinodu li għamel ikkundanna l-abbużi kollha ta' dak iż-żmien. Kif ukoll lil Berengarju li ċaħad il-preżenza rejali ta' l-Ewkaristija. Fl-aħħar ta' ħajtu saret il-firda tal-Orjent mil-Punent minn Mikiel Ċerularju.
**Ljun X** (1513-1521). Ġej mill-familja Mediċi. Ikundanna lil Luteru bil-Bulla "Exurge Domine" fl-1520. Dan il-Papa faħħar lil Neriku VIII, Re ta' l-Ingliterra u taħ it-titlu ta' Difensur tal-Fidi.
**Ljun XI** (1-21 April 1605). Kien ġej mill-familja Mediċi wkoll. Kien in-neputi ta' Ljun X.
**Ljun XII** (1823-1829). Laħaq Papa ta' 63 sena. Kien marradi. Kien iħobb ħafna lil Ġiżwiti. Tilef il-popolarità tiegħu minħabba l-Lhud. Il-Kardinal Consalvi għinu ħafna fit-tmexxija tal-Knisja.
**Ljun XIII** (1878-1903). Magħruf għal ħafna enċikliki li ppublika speċjalment "Rerum Novarum" - 15 ta' Mejju 1891. Kien diplomatiku kbir u magħruf mid-dinja kollha. Miet ta' 93 sena. Il-mażuni ġabulu ħafna nkwiet fuq il-kwistjoni ta' l-għaqda sħiħa ta' l-Italja.
**Ljun XIV** (2025- ). Ismu huwa Robert Francis Provost. Laħaq Papa fit-8 ta' Mejju 2025 wara l-mewt tal-Papa Franġisku u sar l-267 suċċessur ta' Pietru. Huwa Agostinjan u għal aktar minn 20 sena ħadem bħala missjunarju fin-naħa ta' fuq fil-Perù.

**<u>IL-MUŻIKA MARJANA (l-aħħar parti)</u>**
*Kitba ta'* **Mro. Chev. James Chappell ALCM LLCM KLJ**



Ma jistax jonqos li d-devozzjoni Marjana mxiet lil hinn mill-innijiet, biex tkun immużikata wkoll il-quddiesa sħiħa li tkun qed tiġi ċċelebrata f'xi festa għad unur il-Madonna, taħt id-diversi titli tagħha. Insibu titli bħal *Missa de Beata Virgine*, quddiesa li titkanta ġenerikament għal kull festa Marjana, *Missa Assumpta Est Maria* speċfikament għall-festa tal-Assunzjoni, *Missa Regina Cœli* għal żmien l-Għid, eċċ. Naturalment hawnhekk huwa biss it-titlu u d-dedika li jinbidlu u dan skond iċ-ċirkustanza festiva li tkun, għaliex il-*Kyrie, Gloria, Sanctus, Benedictus* u *Agnus Dei* jibqgħu jżommu l-istess lirika.

Umilment insemmi kompożizzjonijiet tiegħi li huma wkoll ta' ispirazzjoni Marjana, marbuta partikolarment mal-festa tat-tlugħ fis-sema tal-Imqaddsa Verġni Marija. Fost dawn insemmi l-introjtu tas-solennità *Cantate Domino* (2011), l-offertorju *Ascendat Ad Te Domine* (2011), is-salm F'Lemintek is-Sultana, u l-Antifona tal-Assunta *Hodie Maria* (2014), li rregalajt lill-parroċċa ta' Ħad-Dingli biex tkun l-Antifona prinċipali tagħha. Immużikajt l-innu u l-antifoni kollha tal-Primi Vespri (2009), inkluż l-Antifona tal-Kantiku ta' Marija, kif ukoll l-innu tat-transulazzjoni solenni *Ave Maris Stella.* Editjajt għasar antik tal-kompożitur Alassio li llum jintuża bħala Secondi Vespri tal-Assunta, *In Assumptione Beatæ Mariæ Virginis* (2010). Ikkomponejt ukoll Litanija tal-Madonna, Ave Maria (2011) u Salve Regina (2009). Fl-2014 ikkomponejt ukoll l-innu Omm il-Faraġ, għad unur il-Madonna taċ-Ċintura.

Din hija biss ħarsa ħafifa; il-mużika Marjana tiżboq is-sekli u tmur ħafna aktar minn dan li semmejt. Ċertament ukoll li dan ir-ripertorju devot jibqa' jitkattar u jikber b'min jaf kemm-il xogħol ġdid mużikali f'kull forma li għad irid jinkiteb biex jagħti ġieħ lil Sidtna Omma Marija. J'Alla li din il-mużika tibqa' tnissel fina lkoll id-devozzjoni u l-imħabba lejn il-Madonna Ommna.

***Mro. Chev James Chappell ALCM LLCM KLJ huwa Surmast Direttur tal-Banda San Ġużepp tal-Għaqda Melita tal-Imsida, A/Surmast Direttur tal-Filarmonica Nazionale La Valette tal-Belt Valletta, Maestro di Cappella fil-Parroċċa Arċipretali ta' San Ġużepp tal-Imsida, Maestro di Cappella fil-Parroċċa Arċipretali ta' Santa Marija ta' Ħad-Dingli u Kavallier tal-Ordni Militari u Ospedalier ta' San Lażżru ta' Ġerusalemm.***



**Ħames saċerdoti fi ħdan is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP) jagħlqu 60 sena saċerdoti**
**3 ta' April 1965 - 3 ta' April 2025**

Fis-sena tal-Ġublew ħames saċerdoti tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP) qed jiċċelebraw flimkien sittin sena ta' ħidma pastorali fil-qasam tal-Mulej. Dawn huma Fr. Bernard Mangion, Fr. Manwel Adami, Fr. Norbert Bonavia, Fr. Ġorġ Scerri u Fr. Vincent Magro.

Uħud minnhom għamlu żmien twil fl-art tal-Missjoni ġewwa 'l Perù, fil-Pakistan jew fl-Awstralja. Fr. George Scerri, imwieled ħad-Dingli, minkejja l-età tenera tiegħu għadu jaħdem qatigħ fil-missjoni tal-Perù, qalb il-foqra tal-belt ta' Arequipa. Hemmhekk ilu 57 sena jwettaq dan ix-xogħol siewi għal glorja ta' Alla u għal ġid ta' l-erwieħ. Fr. Vincent Magro huwa wkoll id-Direttur Spiritwali tal-Praesidium Marija Mtellgħa s-Sema ġewwa ħad-Dingli. Fr. Magro għamel 42 sena missjunarju jaħdem qalb il-foqra fil-Perù.

Is-saċerdoti l-oħra għadhom ukoll jaħdmu pastoralment f'diversi parroċċi ta' Malta minkejja l-età tagħhom u b'inqas saħħa kif kienu qabel.

Nixtiequlhom saħħa, għomor u ġid li dawn il-ħames saċerdoti żelanti biex ikomplu jaħdmu spiritwalment fejn il-Mulej jibagħthom.



*Mix-xellug għal-lemin: Fr. Bernard Mangion, Fr. Manuel Adami, Fr. Norbert Bonavia, Fr. Ġorġ Scerri u Fr. Vincent Magro.*